**Kunsill Lokali**
**ĦAL KIRKOP**

# Rapport Amministrattiv 2017

*imħejji minn Antonia* Demicoli, ***Segretarju Eżekuttiv***

# Introduzzjoni

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalita' għas-sena 2017 li tinkludi rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2017 filwaqt li toffri informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għas-sena li ġejja.

Filwaqt li matul din is-sena wieħed ftit seta' jara proġetti kapitali jseħħu, dan ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed jaħdem bi sħiħ u jħejji pjanijiet għall-futur. Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu u l-ambjent tiegħu jinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Matul din is-sena tkomplew diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom beda u ser ikompli jidher matul is-snin li ġejjin. Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li għandu l-Kunsill hija li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda, bl-aħjar mod possibbli.

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2017 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Is-sena 2017, immarkat it-tkomplija tat-tieni sena tat-tmien leġislatura li l-bidu tagħha kien proprju fl-1 ta' Mejju, 2015. It-tmien leġislatura rat bidla f'wieħed mill-Kunsilliera bir-riżenja tal-Kunsilliera Antoinette Cefai lura f'Jannar 2016 u l-mili ta' dan il-post vakanti mill-Kunsillier Leonard Grioli fi Frar 2016. Għaldaqstant fis-sena 2017, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.

# It-Tmien Leġislatura
## Sena 2017

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Terence Agius |
| **Viċi Sindku:** | Joseph Schembri |
| **Kunsilliera:** | Stephen Mizzi |
| | John Luke Cassar |
| | Leonard Grioli |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Antonia Demicoli |

Matul is-sena 2017, l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, is-Sur Miguel Sacco kompla jservi fil-kariga wara li dan kien ġie approvat Ambaxxatur Lokali f'Diċembru, 2015. Huwa ser jibqa' f'din il-kariga sal-10 ta' Diċembru, 2017, meta huwa jagħlaq tmintax-il sena. Il-Kunsill ser ikun qed ifittex żagħżugħ/żagħżugħa biex il-post ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ma jibqax battal.

Bejn Jannar u Diċembru 2017, il-Kunsill – It-Tmien Leġislatura, iltaqa' ħmistax-il darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet tajba u regolari. L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2017 tidher fit-tabella hawn taħt.

## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill
### Laqgħat tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura
### Jannar – Diċembru 2017

| Laqgħat Nru 30 - 44 | Terence Agius | Joseph Schembri | Stephen Mizzi | John Luke Cassar | Leonard Grioli |
|---|---|---|---|---|---|
| **Attendenza** | **15/15** | **15/15** | **15/15** | **14/15**<br>**1 skużat** | **15/15** |

Tul is-sena 2017, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Fl-aħħar ta' Marzu, 2017 il-Kunsill kellu riżenja minn waħda mill-impjegati klerikali. Il-post vakanti imtela' minn skrivan ieħor wara li nħarġet sejħa għall-ingaġġ. L-impjegat il-ġdid beda l-ħidma tiegħu fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop fit-18 ta' Settembru, 2017.

Il-Kunsill għad għandu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità. Il-Kunsill għandu wkoll l-għajnuna ta' persuna li qiegħda impjegata mal-kumpanija District Operations Ltd., li lura f'Marzu 2016 kienet ħadet f'idejha l-imjegati li kienu fuq l-iskema tal-ETC u dawn ingħataw xogħol *full time* fil-Kunsilli rispettivi li fihom kienu jagħmlu xogħol fil-kommunita'. Dan l-impjegat jgħin fix-xogħol amministrattiv bħala *receptionist*.

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2017 kienet ta' €207,631. Sa l-aħħar ta' Settembru 2017 kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €11,265. In-nefqa għas-sena 2017 sa l-aħħar ta' Settembru 2017 kienet tammonta għal €193,340. Dawn il-figuri qed jingħataw sa l-aħħar ta' Settembru 2017 skont ir-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena. Dan għall-fatt li bħalissa l-Kunsill għaddej bil-ħidma biex jagħlaq il-kotba finanzjarji sa l-aħħar ta' Diċembru 2017, biex ikunu jistgħu jinħarġu l-Istqarrijiet Finanzjarji u jsir l-awditjar tal-kotba. Sal-aħħar ta' Settembru 2017 il-Kunsill kellu qagħda finanzjarja tajba, meta l-*Financial Situation Indicator* kien jilħaq l-54%. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed ikun jista' jara l-*Audited Financial Statements* li jkunu *on-line* fuq is-sit www.localgovernment.gov.mt, wara li dawn ikunu ġew awditjati.

Għas-sena 2018 l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali ser tkun ta' €216,530, jiġifieri żieda ta' 4.29% fuq is-sena 2017, żieda ta' €8,898.

## Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2017

Tajjeb li wieħed ifakkar li matul l-2017 kompla jingħata s-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' erbgħa, kull ħmistax. Ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew biex japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju tas-sigurta' soċjali fejn ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ġuramentata; jirraportaw kwalunkwe tibdil ta' ċirkostanzi; japplikaw għal jew iġeddu l-karta r-roża; jissottomettu ċertifikati tal-mard; u jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni dwar kwalunkwe ħaġa ta' sigurta' soċjali. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex jużaw dan is-servizz.

Il-kumpanija Maltapost ukoll għada tagħti s-servizzi tagħha fil-lokalita' tagħna permezz tal-*mobile postoffice*. Dan is-servizz għadu qed jingħata kull nhar ta' Erbgħa bejn it-8.00 u l-10.00 ta' filgħodu. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti Koppin tant li ħafna minnhom ikunu qed jistennew il-ġurnata tal-Erbgħa biex jinqdew mingħand tal-posta.

Matul is-sena 2017 il-Kunsill żied ukoll is-servizz tal-Berġa u tal-iSpeech Teraphy, li qed jingħataw mill-Uffiċini tal-Kunsill sakemm isir ix-xogħol fuq il-Klinika l-ġdida ta' Ħal Kirkop. Is-servizz tal-Berġa jingħata nhar ta' Tnejn mill-10.15am sal-11.15am u nhar ta' Ħamis mill-10.15am sal-10.45am. Is-servizz tal-iSpeech Teraphy jingħata wkoll fl-istess ġranet bl-appuntament.

Il-Kunsill irsista ħafna mal-awtoritajiet biex ix-xogħol fuq il-Klinika ta' Ħal Kirkop jitkompla u jidher li issa x-xogħol miexi b'rata mgħaġla. Mill-aħħar informazzjoni li għandu l-Kunsill, il-klinika ser tiftaħ il-bibien biex tibda tagħti l-ewwel servizzi tagħha matul it-tielet kwart tas-sena 2018.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb l-ilmenti kollha li jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill, liema lmenti jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet u kuntratturi kkonċernati. Matul is-sena 2017 il-Kunsill irċieva 199 ilment li 174 ġew issettiljati u l-bqija għadhom pendenti minħabba raġunijiet diversi. Il-Kunsill jaħdem bi sħiħ biex l-ilmenti tar-residenti jiġu indirizzati u solvuti mill-aktar fis possibbli.




Ir-Reġjun Nofsinhar, li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħmel parti minnu, matul is-sena 2017 kompla jaħdem fuq id-diversi inizjattivi meħuda tul is-snin, biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

Fis-6 ta' Mejju, 2017, ir-Reġjun Nofsinhar reġa' organizza Festa Nar li għaliha kienu mistiedna jipparteċipaw il-kmamar tan-nar tal-għaqdiet mużikali tal-irħula kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Din is-sena dan il-festival sar fil-Qrendi u fih ipparteċipaw 20 kamra tan-nar. Mil-lokalita' ta' Ħal Kirkop ħadet sehem il-kamra tan-nar tas-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp. Dan il-festival tan-nar reġa' kien suċċess kbir.

Ir-Reġjun Nofsinhar kompla jgħin ukoll lill-Kunsill billi ta fondi biex jintużaw fiż-żamma ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku.

Apparti l-manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku, il-Kunsill jaħdem ħafna fuq *areas* li jkollhom bżonn jiġu rranġati biex isiru aktar sikuri, kemm għall-pedonali u kif ukoll għas-sewwieqa. Eżempju ta' dan huwa l-pjan li sar u tressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *mountable roundabout* u jiġi rranġat it-*traffic management* f'salib it-toroq fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta.

Il-Kunsill qed jagħmel ukoll pressjoni mal-awtoritajiet biex tiċċekken u tissebbaħ ir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija k/m Triq San Pietru. Dan biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u l-vista għas-sewwieqa tkun aktar miftuħa u ċara. Aktarx li dan ix-xogħol ser ikun qed isir matul is-sena 2018.

Matul Diċembru 2017 il-Kunsill ħa ħsieb li jdawwal aktar iż-żewġ *zebra crossings* li hemm fi Triq il-Lewżiet. Dan billi saru żewġ *floodlights* li jitfgħu d-dawl għal fuq dawn iz-*zebra crossings* biex min ikun għaddej ikun jista' jara aħjar lil dawk li jkunu qed jaqsmu.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li ssir manutenzjoni fuq il-bankijiet u l-*gazebos* li hemm fil-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq u tħawwlu aktar fjuri fis-soft areas tal-istess ġnien u oħrajn madwar ir-raħal. Peress li l-kuntratt ta' żamma u manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* skada f'Novembru 2017, il-Kunsill ħareġ l-offerti għall-kuntratt ġdid, liema offerti ġew aġġudikati u l-kuntrattur il-ġdid ser jibda jaħdem fil-bidu tas-sena 2018.

Matul is-sena 2017 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Il-ġbir ta' skart organiku qed isir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jidher li ħafna mir-residenti qed jagħżlu l-iskart organiku tajjeb ħafna. Il-boroż il-bojod għal ġbir ta' skart organiku, pprovduti mill-WasteServ, qed jitqassmu kull xahrejn mill-Kunsill Lokali.

Jidher li l-maġġoranza tar-residenti qed jimxu tajjeb mal-iskeda ta' ġbir ta' skart. Infatti, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ġie fit-tielet post mill-irħula li jiġbru l-aktar sktar organiku. Il-Kunsill jirringrazzja lir-residenti għal dan l-unur u jinforma li l-WasteServ ser tkun qed tagħti €2000 biex jintużaw fil-lokalità. Il-Kunsill ser ikun qed juża dawn il-fondi fit-tkomplija tal-proġett tal-*open gym* li ser isir fi Triq Taż-Żebbiegħ.

Apparti l-iskart organiku, darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, jinġabar l-iskart riċikalt, jew kif inhu aktar magħruf 'tal-borża l-ħadra'. Il-boroż il-ħodor, pprovduti minn GreenPak qed jitqassmu darbtejn fis-sena, jiġifieri f'Jannar u f'Lulju. Hawnhekk ukoll il-Kunsill kiseb unur ieħor fejn fl-awards li l-kumpanija GreenPak tagħti lill-Kunsilli li jirriċiklaw 'l aktar, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ġie fit-tieni post mill-kategorija '*Overall'*.

Il-Kunsill ġabar ukoll ħwejjeġ użati li nġabru minn GreenPak, u dawn minn naħa tagħhom taw donazzjoni lin-Nature Trust skont l-ammont ta' ħwejjeġ miġbura. Huwa ta' sodisfazzjon għalina li l-Kunsill tagħna kien l-iktar Kunsill li ġabar ħwejjeġ għal din il-kawża ġusta. Minħabba li Green Pak infurmawna li ma kienux qed jiġbru aktar ħwejjeġ użati, il-Kunsill għamel arranġamenti oħrajn biex il-ħwejjeġ miġbura jinġabru minn kollettur ieħor u jintbgħatu għar-riċiklaġġ.

Apparti hekk il-Kunsill jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik, batteriji użati u bozoz maqtugħin, dejjem bil-ħsieb li nżommu l-ambjent ta' madwarna fl-aħjar mod possibbli filwaqt li tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn. It-tappijiet tal-plastik jinġabru minn GreenPak fil-kampanja 'Nirriċikla għall-Istrina' fejn tingħata donazzjoni għall-Istrina.

Waħda mill-akbar spejjeż li għandu l-Kunsill hija ż-żamma ta' l-indafa fil-lokalita'. Din tlaħħaq għal eluf ta' Ewro. Matul l-2017 il-Kunsill ħareġ *tenders* ġodda għall-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku (tal-borża s-sewda) u organiku (tal-borża l-bajda), minħabba li l-kuntratti preċedenti kienu skadew. Inħarġu wkoll *tenders* ġodda għal ġbir ta' skart goff u għall-knis tat-toroq.

Għalkemm il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex il-lokalità ta' Ħal Kirkop tkun fost l-aktar lokalitajiet nodfa fil-pajjiż, xorta waħda għad hemm nies irresponsabbli li jħammġu bla skruplu. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex dawk 'il ftit li għadhom iħammġu, jinqabdu, biex ikun żgurat li r-raħal tagħna jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa f'Malta. Apparti hekk, matul Jannar 2017 il-Kunsill waħħal *dog litter bins* ġodda, wieħed fi Triq San Remiġ u ieħor fi Triq Danny Cremona k/m Triq ir-Ramlija. Dan sabiex ikompli jgħin biex il-lokalità tinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Matul Novembru 2017, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ħa sehem fil-*European Week for Waste Reduction*. Din il-parteċipazzjoni kienet bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop. Il-programm għal din il-ġimgħa inħadem fuq it-tema li nippromwovu l-importanza tar-riċiklaġġ fost il-ġenerazzjoni żgħira.

Dan kien jinkludi żewġ kompetizzjonijiet. L-ewwel kompetizzjoni kienet tinkludi l-ġbir tal-flixken tal-plastik, fejn l-istudent li kellu l-akbar ammont, f'piż, ta' flixken rebaħ rota ġentilment mogħtija mill-kumpanija GreenPak, u t-tieni post ingħata voucher ta' €20 f'kotba. It-tieni kompetizzjoni kienet tinkludi dekorazzjonijiet tal-Milied magħmula minn materjal riċiklat. Min fl-ewwel u fit-tieni post ingħata voucher ta' €30 u €20 f'kotba, rispettivament. Id-dekorazzjonijiet tal-Milied li ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni kienu armati f'esibizzjoni fl-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop, matul Novembru u Diċembru.

Fl-24 ta' Novembru, 2017 ġie organizzat programm fl-Iskola Primarja li inkluda taħdidiet dwar l-għażla tal-iskart minn organiku, riċiklat, domestiku, skart perikoluż, etċ. F'dan il-programm saru wkoll taħdidiet ta' informazzjoni dwar l-iskart mill-GreenPak u minn WasteServ u kif ukoll kompetizzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri bit-tema 'Agħżel l-Iskart bil-Għaqal'.

Għal din l-okkażżjoni inħadem ukoll *feature* dwar l-għażla tal-iskart, fejn it-tfal jgħallmu lill-kbar kif għandhom jirriċiklaw. Dan kien possibbli bl-għajnuna tal-Kirkop Paegant Group u l-Għaqda Kulturali Kirkop li ħadu ħsieb l-i*script* u l-atturi għal dan il-*feature*. Dan il-*feature* ħareġ fuq il-mezzi soċjali u intlaqa' tajjeb ħafna, tant li rawh aktar minn 4000 ruħ. (F'dan il-ħin intwera l-*feature* lil dawk preżenti.)

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Il-Kunsill ħa ħsieb ġab il-permessi meħtieġa biex l-arblu li fil-festi kien jintrama fin-nofs ta' Triq Nejder k/m Triq il-Kbira jitressaq minn fejn kien biex hekk naqas il-periklu u l-inkonvenjenza li dan l-arblu kien joħloq fil-ġimgħat tal-festi tar-raħal.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl u f'każijiet minnhom permezz ta' l-Enemalta, matul is-sena jinbidlu u ssir il-manutenzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha.

Matul is-sena 2017, l-Enemalta għamlet diversi bozoz ġodda f'*areas* li kienu ilhom għal żmien twil fid-dlam. Il-Kunsill kien ilu ħafna jitlob biex isir dan id-dawl f'toroq li huma arterjali iżda jinsabu fil-konfini ta' Ħal Kirkop.

Wara ħafna diskussjonijiet li ilhom għaddejjin snin sħaħ, il-Kunsill irnexxielu iġib l-approvazzjoni mingħand il-Bank of Valletta plc biex issir ATM f'Ħal Kirkop. Din il-magna ser tkun tagħmel parti mill-bini tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill ħa ħsieb ukoll biex japplika għall-permess ta' żvilupp, mal-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi rranġata l-faċċata tal-Uffiċċju tal-Kunsill biex takkomoda din il-magna. Malli joħroġ il-permess ta' żvilupp, il-Kunsill ikun jista' jagħti bidu għal dan ix-xogħol biex din il-magna titwaħħal kemm jista' jkun malajr.

Ix-xogħol fuq l-*open gym* mexa ġmielu. Tlestiet l-art fejn ser jitpoġġa l-apparat u beda jinħadem il-*fence* tal-injam li ser ikun qed joffri sigurtà mad-dawra ta' barra tal-bankina tal-*open gym*. Fil-ġimgħat li ġejjin l-AFM b'kollaborazzjoni mal-Kirkop United FC ser ikunu qed jaħdmu fuq il-*fence* mad-dawra tal-grawnd tal-futbol. Qabel ma jitlesta dan il-*fence*, il-Kunsill ma jistax ipoġġi l-apparat tal-*gym* f'postu, liema apparat ġie mixtri bl-għajnuna finanzjarja tal-kumpanija Multigas Ltd.

Il-Kunsill ħareġ ukoll *tender* biex tkun tista' tiġi rranġata l-kumplament tal-bankina li hemm biswit l-*open gym*, liema bankina tinsab fi stat ħażin ħafna. Dan it-*tender* ġie konkluż u ffirmat u ser jinħarġu l-*works orders* meħtieġa biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq din il-bankina.

Wara ħafna diskussjonijiet ma' Dipartimenti u Ministeri konċernati biex jinstab post alternattiv biex fuqu tinbena latrina pubblika, il-Kunsill tefa' l-applikazzjoni biex tinbena latrina f'Misraħ iż-Żerniq. Matul l-2017 ħareġ il-permess minn naħa tal-Awtorità ta' l-Ippjanar biex din il-latrina tkun tista' tinbena. Il-Kunsill ħareġ ukoll it-*tender* għall-bini u t-tlestija ta' din il-latrina, li ser tkun tagħmel parti mill-proġett tal-ġnien ta' Misraħ iż-Żerniq. Bħalissa l-Kunsill wasal fl-istadju li jiġbor *samples* mingħand l-orħos offerent, liema *samples* jgħaddu għall-iskrutinju tal-Perit u esperti oħra biex ikun jista' jiġi aġġudikat dan it-tender u finalment jinbeda x-xogħol.

Il-Kunsill għaddej b'diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward il-problema tad-drenaġġ fi Triq Valletta u Triq ir-Ramlija, liema problema ilha tolqot lil Ħal Kirkop għal snin twal. Wara pressjoni kbira mill-Kunsill, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed taħdem fuq pjanijiet biex isir xogħol biex tiġi solvuta din il-problema darba għal dejjem. Jidher li x-xogħol fuq dawn il-pjanijiet miexi u l-Kunsill jistenna li jkollu aktar żviluppi matul l-ewwel kwart tas-sena 2018.

Matul is-sena 2017 rajna t-tlestija tat-*traffic management* ta' l-akwata madwar l-iskola sekondarja l-ġdida, flimkien mal-*pelican lights*. Dan wara li l-Kunsill kien ilu żmien għaddej b'diskussjonijiet kontinwi biex dan ix-xogħol jitlesta.

Wara ħafna laqgħat u diskussjonijiet ma' ministeri u dipartimenti, dwar Sqaq ir-Ramlija, il-Kunsill ġie infurmat li dan l-isqaq ser jingħata wiċċ ġdid minn Transport Malta b'fondi mill-Unjoni Ewropeja. Transport Malta qed tistenna li matul Frar 2018 ikollha l-approvazzjoni dwar l-għoti tal-fondi biex ikun jista' jsir ix-xogħol fi Sqaq ir-Ramlija. Wara li l-isqaq jingħata wiċċ ġdid, il-Kunsill ikun responsabbli mill-manutenzjoni ta' l-istess sqaq.

Il-Kunsill kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda għall-użu ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qari. Matul is-sena 2017 is-Sinjura Mary Schembri bdiet tieħu ħsieb il-librerija ta' Ħal Kirkop bħala librara. Is-Sinjura Schembri kompliet taħdem fuq il-passi tas-Sinjura Mary Rose Mizzi, li ħadet ħsieb din il-librerija għal 22 sena, u qed tkompli l-ħidma fl-aħjar mod possibbli.

Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill ma naqasx li jieħu ħsieb l-element edukattiv billi kompla jorganizza korsijiet dwar dekorazzjoni ta' kejkijiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk li qed jattendu. Infatti l-Kunsill kompla jorganizza dawn il-korsijiet fuq bażi regolari.

Fis-sena 2017 ġew introdotti wkoll lezzjonijiet tal-*fitness* li ntlaqgħu tajjeb ħafna mir-residenti. Dawn il-lezzjonijiet jgħinu biex wieħed jieħu ħsieb jagħmel l-eżerċizzju li huwa tant tajjeb għal saħħa aħjar.

F'Diċembru 2017, għat-tieni sena konsekuttiva, il-President ta' Malta għoġobha tagħżel il-lokalita' ta' Ħal Kirkop biex mill-Kumpless Sportiv tiġi trasmessa L-Istrina, appuntament nazzjonali, l-għada tal-Milied, fejn jinġabru fondi b'risq il-*Community Chest Fund*.

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Apparti l-laqgħa annwali l-Kunsill organizza wkoll laqgħa mar-residenti ta' Triq San Rokku fejn ġew diskusssi il-bdil ta' planters li hemm f'din it-trejqa. Minn din il-laqgħa ta' konsultazzjoni deher li l-maġġoranza tar-residenti xtaqu li jżommu il-planters eżistenti.

Saret ukoll laqgħa oħra mar-residenti ta' Triq San Leonardu fejn ġiet diskussa l-proposta li din it-triq issir *one way*. Għalkemm il-maġġoranza tar-residenti raw li din il-proposta kienet waħda tajba, kien hem oħrajn li jekk it-triq issir one way, kien ser ikollhom problema biex idaħħlu l-vetturi tagħhom fil-garaxxijiet. Għaldaqstant ġie deċiż li Triq San Leonardu tibqa' kif inhi.

Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel laqgħat bħal dawn meta jkun ser jimplimenta jew jagħmel pjanijiet fuq ristrutturar ta' partijiet mir-raħal. Kull meta l-Kunsill iħoss il-bżonn li jaqsam informazzjoni mar-residenti, dan isir billi jitqassmu ittri fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Ħal Kirkop Local Council, fejn wieħed jista' jara *updates* regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 31, Triq San Benedittu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu. Matul il-ġimgħa il-Kunsill qed ikun magħluq mis-1.00pm sas-1.30pm għall-ħin tal-*break* tal-ħaddiema.

## Attivitajiet matul is-sena

Il-Kunsill organizza festin għal Jum l-Omm f'Mejju 2017. Din l-attività, li ġiet organizzata għall-ewwel darba kienet success u l-Kunsill għandu l-ħsieb li jerġa' jorganizza din l-attività u oħrajn simili matul is-sena 2018.

Minħabba l-Elezzjoni Ġenerali li ġiet fil-bidu ta' Ġunju 2017, il-Kunsill kellu jikkanċella it-tmien edizzjoni tal-Irkottafest li kellha ssir nhar il-Ħadd, 21 ta' Mejju, 2017. Il-Kunsill iltaqa' b'urġenza biex isib data alternattiva iżda minħabba diversi attivitajiet nazzjonali, il-festi u affarijiet oħra, il-Kunsill kellu jagħżel li għas-sena 2017 l-Irkottafest ma ssirx.

Il-Kunsill diġà beda l-ħidma tiegħu biex fis-sena 2018 l-Irkottafest issir u tkun suċċess akbar mis-snin preċedenti, fejn ikunu bosta dawk li jattendu għal din l-attività fil-lokalità tagħna li għalkemm raħal żgħir, żgur li mhux battal.

L-Irkottafest ma kinetx l-unika attività li ġiet milquta mill-Elezzjoni Ġenerali. Il-ġita għal Sqallija li kienet ser issir il-Ħadd, 4 ta' Ġunju 2017 kellha tiġi kkanċellata wkoll. Il-Kunsill ser ikun qed jaħseb fuq l-organizzazzjoni ta' ġita għal Sqallija matul is-sena 2018.

F'Ottubru 2017 il-Kunsill ħa sehem fil-kampanja Pink October fejn inxtegħlet il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur roża u l-istaff libes kulur roża biex inġabru donazzjonijiet għal din il-kampanja favur aktar għarfien dwar il-marda tal-kanċer tas-sider.

F'Diċembru 2017 il-Kunsill reġa' organizza l-festin tal-Milied li bħal kull sena kien suċċess kbir u kull minn attenda kien sodisfatt ferm.

## Pjanijiet għall-futur

Matul l-2018 il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex dak kollu mibdi fl-2017 jitkompla u jintemm.

Fost dawn wieħed isib it-tlestija tal-*open gym* u t-tkomplija tal-bankina biswit l-istess *open gym* biex dan il-proġett ikun konkluż u jkun jista' jitgawda minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-isport u s-saħħa fiżika. Wieħed isib ukoll il-bini tal-latrina pubblika fil-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq, li ser tkun qed issir għall-ġid tar-residenti Koppin u ta' dawk li jżuru r-raħal ta' Ħal Kirkop. Żgur ma jonqosx ix-xogħol tant mistenni fuq l-ATM li ser tiġi nstallata fil-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill ser ikompli wkoll isegwi mill-qrib ix-xogħol fuq il-klinika ta' Ħal Kirkop li huwa maħsub li tkun qed taħdem fit-tielet kwart tas-sena 2018. Ser ikun qed isegwi x-xogħol fuq l-għoti ta' wiċċ ġdid lil Sqaq ir-Ramlija u x-xogħol fuq il-problema tad-drenaġġ fi Triq Valletta u Triq ir-Ramlija.

Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuq ix-xogħol kollu ta' kuljum biex jara li l-lokalità ta' Ħal Kirkop tibqa' waħda mill-aqwa lokalitajiet fin-Nofsinhar ta' Malta.

Ma nistax nagħlaq u ma nsemmiex li fl-2017 Ġieħ Ħal Kirkop ingħata lis-Sinjorina Dorianne Theuma li taħdem bi sħiħ fil-kamp sportiv u ġabet diversi unuri fuq livell personali u anke nazzjonali.

Grazzi lil kulħadd.

*8 ta' Jannar, 2018*